**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 30 ta' Mejju, 2018**

**Talba Nru: 116/2018PM**

**Go p.l.c.**
**(C 22334)**

**Vs**

**Rose Grech**
**(ID Nru. 50272(M))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-27 ta' Marzu, 2018 illi l-konvenuta ghandha thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba' mija u sitta u ghoxrin Ewro u disgha u tletin centezmi (€426.39) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 40157683, bl-ispejjez u drittijiet, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali 2044/14, u bl-imghaxijiet legali sa mit-13 t'Ottubru, 2014 data tan-notifika tal-imsemmija ittra ufficjali.

Ra d-dokumenti annessi mal-istess avviz a sostenn tat-talba senjatament l-istatement datat 26 ta’ Settembru, 2017 (Dok. ‘A’), il-kuntratt sottoskritt mill-intimat (Dok. ‘B’), estratt mir-Registru Elettorali (Dok. ‘C’) u l-ittra ufficjali bin-numru 2044/14 mahruga mis-socjeta` attrici taht l-art. 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi.

Ra n-nota tas-socjeta` attrici datata 10 ta’ Mejju, 2018 li permezz taghha cediet l-kawza fir-rigward tas-sorte u zammet ferm il-kap tal-ispejjez u tal-imghaxijiet legali b’dan illi tenut kont tal-pagament maghmul mill-intimat fil-mori, ghandhom jigu mnaqqsa l–ammont ta’ tmienja u hamsin Ewro u tnejn u ghoxrin centezmu (€58.22) mis-somma dovuta.

Sema’ x-xhieda ta’ Charmaine Psaila Raji moghtija fl-istess seduta tal-10 ta’ Mejju, 2018 li permezz taghha ikkonfermat bil-gurament taghha illi s-sorte gie mhallas u fir-rigward tal-ispejjes u l-imghaxijiet thallset biss is-somma ta' Eur58.22 u kwindi il-bilanc rimanenti tal-imghaxijiet u l-ispejjes ghadu kollu dovut mill-intimata. Xehdet ukoll li l-intimata m'ghamlet l-ebda arrangament sabiex tkompli bil-pagamenti.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra**

Illi ghalkemm debitament notifikat l-intimata naqset milli tattendi ghas-seduta tal-10 ta’ Mejju, 2018 u lanqas ma prezenta ebda risposta ghat-talba kif dedotta mis-socjeta’ attrici.

Illi filwaqt li s-sorte tirrizulta mhallsa kemm mix-xhieda tar-rapprezentanti tas-socjeta` attrici u kif ukoll min-nota tas-socjeta` attrici datata 10 ta’ Mejju, 2018 jirrizulta wkoll li, fir-rigward tal-ispejjez u l-imghaxijiet, thallset biss is-somma ta’ tmienja u hamsin euro u tnejn u ghoxrin centezmi (€58.22) u kwindi l-bilanc relattiv ghadu dovut.

Illi fir-rigward tal-imghaxijiet legali, it-Tribunal jaghmel referenza ghal dak li jinsab deciz mill-Onor. Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet '**Fogg Insurance Agencies Limited noe. et. v. Paul Tabone**' fis-17 ta' Frar, 2003 u cioe` li l-imghaxijiet jiddekorru min-notifika ta` l-avviz u mhux mid-data tal-introduzzjoni tieghu u jaghmel tieghu il-konkluzjoni hemmhekk raggjunta f'dan ir-rigward. F'dan il-kaz allura l-imghaxijiet huma dovuti fuq is-sorte mit-13 t'Ottubru, 2018 data tan-notifika lill-intimata tal-ittra ufficjali numru 2044/14 u jibqghu jiddekorru sad-data tal-pagament effettiv.

Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni tat-talba attrici sakemm din tirrigwardja s-sorte stante l-pagament maghmul fil-mori u ccessjoni relattiva, jilqa' t-talba attrici ghall-bqija fir-rigward tal-ispejjez u imghaxijiet u wara li kkunsidra il-pagament diga` maghmul mill-intimata f'dan ir-rigward fis-somma ta' tmienja u hamsin euro u tnejn u ghoxrin centezmi (€58.22) jikkundanna lill-istess konvenuta thallas lis-socjeta` attrici l-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali 2044/14, u l-imghaxijiet sa mit-13 t'Ottubru, 2014 neqsin l-imsemmija somma ta' tmienja u hamsin euro u tnejn u ghoxrin centezmi (€58.22) diga` mhallsa minnha.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**